- SPOLL –

# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 14 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru 11**
**Citazzjoni Numru 2094/99/RCP**

**Julie Mazzitelli fil-kapacita taghha bhala mandatarja ta' l-assenti Derek Michael u Carmen konjugi Hebden**

**vs**

**Charles u Mary konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata fit-30 ta' Settembru, 1999 fejn l-attrici nomine ippremettiet illi l-atturi huma

proprjetarji u jippossjedu l-fond terran “Dercarm”, Carob Street, Msida;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond soprastanti ossia l-mezzanin “St. Claus”, Carob Street, Msida;

Illi l-fond ta’ l-atturi jinkludi wkoll il-parapett quddiem l-istess fond hlief ghal “cirka sbatax-il pied kwadru b’erba’ piedi dawl faccata”, ossia dik il-parti tal-parapett li tinsab quddiem il-bieb ta’ barra tal-fond mezzanin tal-konvenuti, u dan kif jirrizulta mill-anness kuntratti annessi u immarkati Dok. A u B;

Illi skond l-artikolu 323 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atturi huma proprjetarji ta’ l-arja fuq l-istess parapett;

Illi l-atturi sa ricenti kienu jippossjedu l-istess arja;

Illi ricentement il-konvenuti qabdu u b’mod abbuziv u illegali bnew terazzin ezattament soprapost ghat-tarazzin kollu, b’mod li t-tarazzin issa gie imsaqqaf;

Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti fil-konfront ta’ l-atturi;

L-istess attrici nomine talbet lil din il-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti fil-konfront ta’ l-atturi meta bnew tarazzin fuq il-parapett proprjeta ta’ l-atturi;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrintegraw lill-atturi fil-pussess u reali godiment ta' l-arja tat-terrazzin tal-fond proprjeta taghhom "Dercarm", Carob Street, Msida, taht is-sorveljanza ta' perit arkitett nominat minn din il-Qorti;

(3) Tordna li, fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan ix-xoghol fiz-zmien moghti lilhom, l-atturi jkunu awtorizzati jaghmlu l-istess xoghol a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 rispettivament tal-process.

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati;

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenutiipprezentata fil-11 ta' Ottubru, 1999 a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ma kkawzaw ebda spoll in konfront tal-attrici;

(2) Illi kull xoghol pretiz ilu lest minn qabel l-ahhar ta' Lulju tant li meta mar l-*enforcement officer* fit-3 ta' Awissu, 1999 kien diga lest;

(3) Illi mhux minnu li l-konvenuti invadew l-arja tal-atturi;

(4) Inoltre illi bi ftehim ma' Carmen Hebden gie miftiehem bejniethom li l-konvenuti kellhom jaghlqu t-tieqa li taghti ghall-parapett tal-atturi u tat il-kunsens ghax-xogholijiet pretizi basta li kienu sanciti mill-Awtorita ta' l-Ippjanar. Ghalhekk ix-xogholijiet ma sarux *ad insaputa* tal-atturi;

(5) Illi l-elementi tal-ispoll tal-klandestinita kif ukoll li l-azzjoni ma saritx in terminu ma jikkonkorrux u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

(6) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 9 u 10 rispettivament tal-process;

Rat l-affidavits ipprezentati u d-dokumenti kollha esebiti inkluza ix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru, 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat.

## II. PROVI.

Xehdet permezz ta' affidavit l-**attrici Carmen Hebden** li bil-lingwa Ingliza qalet illi "*Mr. Spiteri has carried out certain building works on our property when he is not entitled to do so*". Dwar jekk tatx xi tip ta' kunsens lill-konvenut sabiex jigu esegwiti dawn ix-xogholijiet, l-attrici tghid illi "*I can emphatically say that at no time have I given any such consent to Mr Spiteri either orally or in writing. I can say with equal conviction that at no time would I have given consent for such building work which would materially affect the amenities of our property*" u "*While we were staying in Malta we were never approached by Mr. Spiteri nor did I ever speak to him about this or any other matter*". Dwar id-data ta' meta sar ix-xoghol ta' kostruzzjoni din ix-xhud tghid illi "*I can say with certainty that the building works carried out by Mr. Spiteri were not carried out before 30 July 1999 because we were residing in our property in Malta from 13 July 1999 to 10 August 1999 and no building works took place during that time*". L-attrici nomine a fol. 68 tal-process tghid illi kien wara li telqet il-mamma taghha li kien beda x-xoghol u dan tiftakru ghax "*fil-fatt meta beda jwaqqa' s-Sur Spiteri, jiena pruvajt inwaqqfu mortlu l-Ghassa biex il-gebel ma jwaddbux fil-parapett t'ommi*". Tkompli tghid din ix-xhud a fol. 70 tal-process illi "*lesta l-verandah, jigifieri s-saqaf, imma jiena ridt inwaqqfu li ma jkomplix jaghmel il-ballavostri u jkompli*" imma s-saqaf "*kien*

*lestih fi zmien gimgha*".

Illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 1999 xehdet **l-attrici nomine Julie Mazzitelli** li qalet illi l-konvenut fuq il-parapett tal-atturi biss bena "*ghax tieghu kien diga maghluq*". Tghid illi x-xoghol mill-konvenuti beda wara Awissu. Izid tghid illi l-konvenut "*kellu bhala gallarija, kienet imdawra fit-tond, waqqaha u bnieha verandah*" u b'hekk "*qata l-arja tal-parapett taghna*". Tkompli tghid illi qabel ma kien hemm xejn fuq il-verandah taghhom. Mix-xhieda jirrizulta illi l-post ta' l-atturi jinsab sottopost ghal dak tal-konvenuti. Mistoqsija in kontro-ezami meta xtara l-fond *de quo* missiera, l-attrici nomine tghid illi dan inxtara fl-10 ta' Marzu, 1970 minn Dereck Hebden u cioe` missierha, liema kuntratt huwa esebit bhala Dok. B mac-citazzjoni a fol. 16 et seq. tal-process. Illi l-parapett *de quo* kien gie diviz permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Jannar, 1963. Tghid illi is-saqaf tal-konvenut hareg il-barra u issa gie fejn kien hemm il-qiegh tal-gallarija qabel. Dwar meta gie l-building inspector fuq il-post de quo, din ix-xhud tghid illi hija gabitu hemm wara li telqet ommha minn Malta u cioe` wara l-10 ta' Awissu, 1999. L-istess *building inspetcor* kien mar darba ohra qabel fit-3 ta' Awissu, 1999 u dan sabiex Carmen Hebden tara "d-drittijiet taghha". Dwar hnejja li tinsab fil-proprjeta *de quo*, din ix-xhud tghid illi x-xogholijiet sabiex tinghalaq sar wara li telqet ommha minn Malta u cioe` wara l-10 ta' Awissu, 1999 u meta din ix-xhud qalet lill-ommha dwar dan il-fatt, Carmen Hebden (li tigi ommha) qalet

li din kienet ilha li suppost li nghalqet.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2000 xehed **Arthur Abela** rapprezentant ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Jghid illi huwa kien gie notifikat b'General Development Order biex sid il-fond Santa Claus, parish Street, Msida jkabbar il-gallarija li tigi *first floor level*. Skond dan ix-xhud, il-clearance li harget l-Awtorita ta' l-Appjanar a tenur tal-avviz legali 137/97 kien datat 11 ta' Novembru, 1998. Jghid illi "*l-istess clearance li hija standard l-ahhar paragrafu jghid li …* "*This clearance does not cover any other development on the premises which would require a development permission application. However this clearance is subject to third party civil rights and to any other permits or licences required by any other law*". Dan ix-xhud jghid illi gie registrat complaint ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar u fejn allura kellhom jinfurmaw lill-konvenut b'dan. Di fatti qalulu illi "*following a formal complaint regarding the proposed works mentioned in caption, I am directed to inform you that no works should commence unless consent is given from effected parties as already stated in last paragraph of our previous communication dated 11th November, 1998. Consequently no works can be initiated without the said consent. Please be guided accordingly*". In kontro-ezami dan ix-xhud jghid illi l-attrici nomine kienet kelmitu qabel is-6 ta' Awissu, 1999 mentri l-Perit Godwin Aquilina kellmu fis-6 ta' Awissu, 1999.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu, 2000 xehed **Andrew Martin** *Enforcement Officer* ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar. Jghid illi huwa kien ghamel *inspection* fuq il-fond Santa Claus, Carob Street, Msida ghall-habta ta' Lulju, 1999. Izid jghid illi x-xoghol kien ghadu ma bediex f'Lulju, 1999. Pero` jghid illi meta mar it-tieni darba fuq il-post *de quo*, u cioe` f'xi data f'Awissu, 1999 ix-xoghol kien tlesta.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2000 xehed il-**Perit Godwin Aquilina**. Jghid illi ghal nofs Awissu, 1999 kienu marru ghandu l-atturi u talbuh jaghmel *inspection* fuq proprjeta li tinsab fuq taghhom u senjatament dwar gallarija li kellha tigi estiza. Huwa qalilhom li kien ser jivverifika jekk kienx hemm il-permessi relattivi u di fatti dan il-Perit, kien kiteb fit-22 ta' Awissu, 1999 (Vide fol. 250) lill-atturi bil-fatti li rrizultawlu. Il-Perit jghid illi meta mar l-ewwel darba ma l-atturi ma kienux qed isiru jew li saru xi xogholijiet. Pero` jghid illi meta rega' mar fuq il-post mas-Sinjura Mazzitelli fis-16 ta' Settembru, 1999 ix-xoghol kien tlesta u fil-fatt ghamel sketch tax-xoghol in kwistjoni.

Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2000 xehdet l-**attrici Carmen Hebden**. Hija qalet illi l-proprjeta de quo hija taghha w inxtrat qabel ma zzewget. Fis-sena 1999 hija kienet Malta bejn it-13 ta' Lulju, 1999 u l-10 ta' Awissu, 1999. Tghid illi kemm damet hawn Malta hi xogholijiet ma sarux. Mistoqsija jekk il-Perit gabitux

ghax kienu qeghdin isiru x-xogholijiet, din ix-xhud terga tirribadixxi r-risposta taghha li ma kienux bdew u li kienu l-girien li qalulha li kienu ser isiru xi xogholijiet. Il-Perit minnha inkarigat kien ghamel access fil-proprjeta *de quo* meta hi kienet ghadha hawn Malta. Tghid illi l-Perit gie lejn l-ahhar ta' Awissu u ma kien ra xejn ghax ma kien hemm xejn x'tara. Tghid illi kienet it-tifla taghha li nfurmata li kien beda x-xoghol ghax sakemm telqet hi ma kien sar xejn. In kontro-ezami tghid illi hija qatt ma tkelmet mal-konvenut fuq ix-xogholijiet li kienu ser isiru.

F'din l-istess seduta xehed **il-konvenut Charles Spiteri**. Jghid illi huwa flimkien ma martu huma l-proprjetarji tal-fond li jinsab fuq dak tal-atturi. Jzid jghid illi huwa kien talab permess minghand l-Awtoritajiet u wara li waslulu l-karti relattivi, marru biex jiccekjaw ix-xogholijiet. Jghid illi x-xogholijiet kienu tlestew fl-ahhar ta' Lulju, u li x-xogholijiet in kwistjoni kienu ghamluh zewg bennejja li kienu qed jaghmlu xoghol fi triqtu. Dwar ir-ritratt immarkat bl-ittri ED 1 jghid illi dan ittiehed waqt li kienu qeghdin isiru x-xogholijiet. Jghid illi l-Perit Aquilina gie meta kien hemm it-travetti kif ukoll li kien mar wara li kien tlesta x-xoghol. In kontro-ezami jghid illi huwa lill-attrici Hebden kien raha f'Lulju u meta kienet waqfet biex tkellmu, kienet kelmitu fuq it-tieqa biss u ma qaltlu xejn fuq ix-xogholijiet l-ohra li kien qed jaghmel.

**III. <u>DOKUMENTI.</u>**

Illi mid-dokument immarkat bl-ittra A a fol. 5 tal-process li huwa kuntratt ta' bejgh li sar fl-4 ta' Jannar, 1963 fl-atti tan-Nutar Dr. Anthony Gatt bejn Mary mart Joseph Vassallo nomine u Theresa armla minn Emanuele Micallef jirrizulta illi din ta' l-ahhar akkwistat minghand ta' l-ewwel "*il-mezzanin sovrappost ghat-terran proprieta ta' Giuseppe Vella jew l-aventi kawza tieghu li qieghed Santa Venera, Carob Street, bla numru u jgib l-isem ta' "Maurice" liema mezzanin ghandu d-drenagg komuni mat-terran sottopost kif ukoll ghandu twieqi jharsu ghal got-terran ta' tahtu u l-ilma ta' fuq il-bejt ta' dan il-mezzanin jmur ghal gol-istess terran u dan il-mezzanin ghandu jikkomprendi wkoll parti mill-parapett cioe` dik il-parti quddiem il-bieb ta' dan il-mezzanin li fiha il-kejl superficjali ta' cirka sbatax il-pied b'erba' piedi dawl faccata li jitkejjel mill-hajt tal-appogg li jmiss ma beni ta' Antonio Mangion sa nofs il-hajt divizorju tat-terran ta' ma gemb il-mezzanin u bil-fond tal-parapett kollu u bil-konfini tal-mezzanin qabel imsemmija*".

Illi mid-dokument immarkat bl-ittra B a fol. 16 tal-process, li huwa kuntratt ta' bejgh datat 10 ta' Marzu, 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt jirrizulta illi Francis Zerafa biegh lil Derek Michael Hebden "*a ground-floor apartment underlying property of other persons namely of Teresa Micallef situate in Msida, Carob Street without number bearing the name of "St.*

*Joseph" subject to the servitudes of windows and of rain water being underlying another tenement, having drainage in common*".

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* **tal-artikolu 534 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet **tal-artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi skond l-istess artikoli tal-ligi u a bazi tal-gurisprudenza nostrana, huwa risaput li t-tlett rekwisiti tal-*actio spolii huma*:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "*L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest*" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi **tal-Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) <u>il-fatt</u> ta' pussess/detenzjoni u (b) <u>il-fatt</u> ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9.3.1992).

Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**Artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li:

*"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkommbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

## V. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-Qorti wara li rat ix-xhieda estensiva tal-

partijiet li giet riportata aktar il-fuq, taqbel mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti illi ma gie kommess l-ebda spoll in konfront ta' l-attrici. Dan qed jinghad in vista tal-fatt illi ma gie ppruvat bl-ebda mod illi l-atturi kellom xi tip ta' pussess ta' l-arja *de quo*, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li fejn sar il-bini mill-istess konvenuti, kien hemm diga l-bini taghhom fl-istess parapett.

Illi dan qed jinghad anke wara qari akkurrat tad-dokumenti esebiti mill-istess attrici li fl-ebda wiehed ma jindika li hija kellha xi pussess ta' din l-arja, anzi mid-dokument A li huwa esebit a fol. 5 *et seq.* tal-process jirrizulta proprju l-oppost u dan kif diga intqal aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi huwa ovvju li f'kawza ta' din in-natura l-oneru tal-prova ta' pussess taqa' fuq l-istess atturi, li jridu jipprovaw tali fatt ta' pussess, haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-istess atturi ma ghamlux, anke peress li l-pussess tal-patapett jew anke parti minnu ma hijiex ekwivalenti ghall-pussess tal-istess allegata arja fejn allegatament bnew il-konvenuti.

Illi ghalhekk l-azzjoni tentata mill-atturi ma tistghax tirnexxi ghax ma jezistix wiehed mill-elementi rikjesti fl-azzjoni ta' spoll u cioe` l-pussess.

## V. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu, 2001**